



Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

2015/2105(INI)

7.6.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar strateġija futura ġdida progressiva u innovattiva dwar il-kummerċ u l-investment
(2015/2105(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Esther Herranz García

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Hu tal-fehma li l-politika agrikola komuni ilha pilastru tal-politika Ewropea mill-introduzzjoni tagħha fl-1962; ifakkar li, mit-twaqqif tal-PAK, l-UE insistiet dwar "il-preferenza Komunitarja", li tikkonsisti f'li tingħata prijorità lill-prodotti li ġejjin mill-Istati Membri;
2. Jirrimarka li l-politika agrikola komuni tal-UE tmur kontra l-politiki agrikoli ewlenin fil-bqija tad-dinja, fejn l-appoġġ lill-bdiewa huwa direttament marbut mal-prezzijiet jew il-volum tal-produzzjoni u huwa ta' natura antiċiklika; hu tal-fehma li hu importanti f'dawn iċ-ċirkustanzi li jiġu negozjati ftehimiet ta' kummerċ ħieles fil-qasam tal-agricoltura li ma jfixklux l-istabbiltà tas-settur agrikolu u rurali Ewropew;
3. Jenfasizza li l-kummerċ agrikolu u s-settur agroalimentari jaqdu rwol ewlieni fil-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjegi, b'mod partikolari f'żoni rurali, u jissottolinja li l-investment fis-settur u t-tiħiħ tal-pożizzjoni tal-UE bħala attur ewlieni fis-suq globali huma essenzjali għall-ġejjieni tal-biedja fl-Unjoni;
4. Huwa konxju mill-fatt li l-bdiewa tal-UE ser jiffaċċjaw sfidi kbar fil-ġejjieni, u jqis li din hija r-raġuni għaliex qafas komuni Ewropew stabbli li jappoġġja lill-bdiewa tal-UE permezz tal-PAK huwa indispensabbli sabiex jitħeġġeġ l-investment u tingħata spinta lit-tkabbir fis-settur agroalimentari;
5. Jilqa' l-fatt li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Kummerċ għal Kulħadd" tirreferi għall-industrija agroalimentari bħala settur li fih l-opportunitajiet għall-esportazzjoni huma ta' importanza kruċjali u li dan is-settur għandu jiġi promoss b'mod attiv permezz ta' strateġija tal-Unjoni ġdida għall-kummerċ u l-investment;
6. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata aktar koerenza bejn il-miżuri proposti fil-qafas tal-istrateġija kummerċjali l-ġdida tal-Unjoni u dawk adottati fil-kuntest tal-PAK, sabiex jiġi garantit introjtu adegwat għall-bdiewa u jinżamm mudell ta' produzzjoni Ewropew li jirrispetta l-ambjent, l-annimali, is-sikurezza tal-ikel u l-bilanċ reġjonali; ifakkar fil-bżonn, kif diġà ġie ssottolinjat mill-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2015 dwar it-TTIP, li tiġi ggarantita l-vijabbiltà ekonomika u soċjali tal-mudell agrikolu Ewropew;
7. Jiddeplora l-fatt li l-komunikazzjoni "Kummerċ għal Kulħadd" naqset milli tirrikonoxxi b'mod espliċitu n-natura multifunzjonali u l-partikolaritajiet tas-settur tal-biedja, bħala element prinċipali li għandu jitqies fl-iżvilupp tal-politika kummerċjali tal-UE;
8. Iqis li l-ftuħ ta' swieq ġodda għall-produzzjoni agrikola tal-UE, bħal prodotti tal-ħalib, laħam u annimali ħajjin, frott u ħaxix, huwa importanti fil-kuntest tal-kriżi attwali tal-biedja; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati swieq ġodda b'potenzjal għoli ta' xiri;
9. Jinkoraġġixxi n-negozjar u l-approvazzjoni tal-ftehimiet bilaterali jew multilaterali esklużivament ma' pajjiżi terzi li huma bbilanċjati u li x'aktarx jipprovdu salvagwardji

speċjali għal setturi sensitivi u protezzjoni adegwata għall-produtturi agrikoli Ewropej kollha; jappoġġja bil-qawwa l-esklużjoni ta' setturi li jistgħu jiġu affettwati serjament;

10. Huwa tal-opinjoni li t-traċċabbiltà tal-prodotti agrikoli u regoli tal-orijini effikaċi għandhom jiġu difiżi fin-negozjati tal-FTA, u b'hekk tiġi evitata s-sitwazzjoni fejn daww ir-regoli jiġu mminati minn ftehimiet oħrajn konklużi bejn is-sħab tal-FTA tal-UE u pajjiżi terzi oħra; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni biex teskludi prodotti agrikoli sensitivi minn kull tip ta' kumulat tar-regoli tal-orijini; ifakkar lill-Kummissjoni li l-għan tan-negozjati tal-FTA huwa l-faċilitazzjoni tal-kummerċ ta' prodotti li verament ġejjin mill-UE u ta' prodotti tas-sħab tal-FTA tal-UE;
11. Iqis li jeħtieġ li jitqiesu l-iżvantaġġi speċifiċi tal-bdiewa żgħar u ż-żoni vulnerabbli; jemmen li l-UE għandha żżomm il-marka kummerċjali b'saħħitha tagħha ta' produzzjoni ta' kwalità għolja; huwa favur djalogu komprensiv mal-partijiet interessati fis-settur agroalimentari Ewropew qabel ma jitniedu negozjati ġodda għall-kummerċ ħieles;
12. Iqis li l-FTA li ser jiġi konkluż mal-Kanada u daww li bħalissa qed jiġu nnegozjati mal-Istati Uniti u l-Mercosur jew daww previsti mal-Awstralja u New Zealand ser jifih s-suq tal-UE għall-produtturi agrikoli l-iktar kompetittivi fid-dinja u għal daww li għandhom l-akbar potenzjal fil-qasam tal-esportazzjoni; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tiddefendi prodotti agrikoli sensitivi b'mod xieraq;
13. Ifakkar li l-Istati Uniti għadha l-akbar suq għall-esportazzjoni agrikola tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li n-negozjati dwar it-TTIP iwasslu għal ftehim dwar il-kummerċ u l-investment li jkun ambizzjuż, globali, ibbilanċjat u ta' livell għoli u li jippromovi tkabbir sostenibbli u inklużiv, kif ukoll żieda fil-flussi kummerċjali għas-settur agrikolu tal-UE;
14. Iqis neċessarju li jissaħħaħ il-valur miżjud tal-biedja u li jitniedu kampanji ta' promozzjoni bl-għan li jinfetħu swieq ġodda; jenfasizza fuq kollox li huwa essenzjali li jissaħħu l-iskemi ta' kwalità fil-livell tal-UE, peress li dawn jiżguraw l-aħjar immaġni tal-marka għall-prodotti tal-UE fis-suq dinji, u b'hekk jirriżultaw f'benefiċċji indiretti għall-biedja Ewropea kollha kemm hi;
15. Iqis li huwa essenzjali, madankollu, li tiġi inkoraġġuta d-domanda interna għal dak li jikkonċerna l-konsum ta' frott u ħaxix b'mod partikolari, peress li 24 mit-28 Stat Membru jikkonsmaw inqas mill-porzjon ta' kuljum ta' 400 grammi rakkomandata mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa;
16. Jilqa' l-valutazzjoni realistika tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas persistenti ta' progress fir-rigward tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA); jemmen li, anke jekk in-negozjati multilaterali huma indispensabbli, id-DDA kjarament ma ssodisfatx l-aspettativi tas-settur agroalimentari Ewropew, minkejja l-konċessjonijiet unilaterali mill-UE bħal daww magħmula fl-10 Konferenza Ministerjali f'Nairobi; jitlob, għaldaqstant, li l-UE tiddefinixxi strateġija ġdida u aktar effikaċi għan-negozjati multilaterali fi ħdan id-WTO;
17. Jissottolinja l-importanza ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni (AA)/Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv (DCFTA) mal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna għas-settur agrikolu tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u rapida ta' dawn il-ftehimiet;

18. Jemmen li, fit-twettiq tan-negozjati kummerċjali li jaffettwaw direttament l-interessi agrikoli Ewropej, għandu jiġi rikonoxxut li l-Kummissarju responsabbli għall-agrikoltura jaqdi rwol ewlieni għal dak li jikkonċerna l-aspetti agrikoli kollha; iqis li, fir-rigward tal-funzjonament ta' kolleġġjalità fil-Kummissjoni, ma għandha tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali jekk tali Kummissarju jqis li din tmur kontra l-interessi fundamentali tal-agrikoltura tal-UE;
19. Jenfasizza li l-agrikoltura tikkostitwixxi kwistjoni politika strateġika ħafna, li s-sigurtà tal-ikel u l-istil ta' ħajja tal-Ewropej kollha jiddependu fuq l-agrikoltura, u l-istrateġija kummerċjali tal-UE għandha tkun koerenti mal-għanijiet tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE; jopponi, għaldaqstant, in-negozjati kollha li jistgħu jipperikolaw l-isforzi magħmula fil-qasam tal-investiment tas-settur agroalimentari Ewropew jew li fil-qafas tagħhom l-agrikoltura Ewropea titqies mhux essenzjali u li tista' tintuża bħala vantaġġ fin-negozjati; jistieden lill-Kummissjoni tieqaf tpoġġi l-interessi tal-industrija u s-servizzi qabel dawk tal-agrikoltura;
20. Jiddeplora, barra minn hekk, sitwazzjonijiet fejn il-bdiewa jesperjenzaw il-konsegwenzi ta' kunflitti politiċi li l-kawża tagħhom ma tkunx l-agrikoltura;
21. Jiġbed l-attenzjoni għat-theddidiet marbuta mal-effett kumulattiv ta' konċessjonijiet tariffarji, kemm jekk jirriżultaw minn negozjati multilaterali jew bilaterali kif ukoll jekk jirriżultaw minn skemi awtonomi bħall-GSP ; jirrimarka li 71 % tal-importazzjonijiet agroalimentari kollha tal-UE diġà jidħlu bla dazju;
22. Iqis li l-ftehimiet kummerċjali għandhom jinkludu klawżoli ta' salvagwardja fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jiġu attivati minn mekkaniżmi simplifikati u flessibbli;
23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkun prudenti ħafna fit-tħejjija jew ir-reviżjoni ta' offerti għall-aċċess tas-suq f'negozjati kummerċjali, u tistabbilixxi strateġija biex jiġu protetti setturi sensittivi; jitlob li tali offerti jiġu sistematikament ibbażati fuq valutazzjoni indipendenti u eżawrjenti tal-impatt li konċessjonijiet kummerċjali ġodda favur pajjiżi terzi ser ikollhom fuq is-settur agrikolu tal-UE;
24. Ifakkar li l-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni tal-impatt individwali għal kull proposta ġdida għal ftehim kummerċjali, fosthom analiżi tal-effetti fuq swieq lokali u reġjonali; jistenna bil-ħerqa r-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt fuq l-effett kumulattiv tad-diversi kwoti ta' prodotti sensittivi diġà mogħtija lil sħabna (li qed jiġu n-negozjati jew ippjanati), kif imwiegħed mill-Kummissjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd fil-11 ta' April 2016;
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta l-konstatazzjonijiet tagħha lill-Parlament fi żmien utli u tistenna l-pożizzjoni tal-Parlament qabel ma taċċetta jew tippożoni kwalunkwe offerta kummerċjali, u temenda jew tirtira l-offerti kummerċjali diġà fuq il-mejda jew fil-fażi ta' tħejjija f'każ li valutazzjoni tal-effetti tagħhom tirrileva konsegwenzi avversi għall-prodotti sensittivi; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-ftuħ tal-UE għas-suq dinji tal-prodotti agrikoli;
26. Jenfasizza li l-industrija agroalimentari tal-UE hija settur effiċjenti tal-ekonomija tal-Unjoni, u hija magħrufa għall-kwalità, id-diversità u l-innovazzjoni fil-produzzjoni u tagħti kontribut vitali għas-sigurtà tal-ikel;

27. Jemmen li għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' impriżi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, kemm fin-negozjar tal-ftehimiet kif ukoll fl-analiżi tal-impatt tagħhom;
28. Iqis li l-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament informazzjoni doganali ċara u affidabbli fir-rigward tal-prodotti li jidħlu fl-Unjoni, u li dawn il-prodotti għandhom jiġu mmonitorjati;
29. Jenfasizza li l-istandards għoljin tal-Ewropa fir-rigward tal-ambjent, is-sikurezza tal-ikel, il-benessri tal-annimali u l-kundizzjonijiet soċjali, li jirriflettu l-valuri soċjali tagħna u huma mitluba mill-konsumaturi Ewropej, iqiegħdu lill-bdiewa tal-UE fi żvantaġġ ekonomiku fir-rigward tal-kontropartijiet tagħhom f'pajjiżi terzi meta jitqiesu l-mudelli ta' produzzjoni, id-daqs tal-istrutturi tal-produzzjoni u standards ġeneralment aktar baxxi ta' dawn tal-aħħar; huwa tal-fehma li l-ftehimiet kummerċjali għandhom jippromwovu l-kompetizzjoni ġusta bejn is-sħab kummerċjali differenti sabiex jiġi żgurat li l-bdiewa tal-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ minn konċessjonijiet tariffarji mingħajr ma jiġu esposti għal kompetizzjoni iġusta.
30. Jissottolinja l-hteġa li jiġi garantit li l-istandards tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel u l-ambjent ikunu protetti permezz tal-applikazzjoni ta' mekkaniżmi ta' reċiproċità u taż-żamma tal-valuri fundamentali bħall-prinċipju prekawzjonarju, l-agrikoltura sostenibbli u livell għoli ta' traċċabbiltà u l-ittikkettar tal-prodotti; jinnota differenzjal wiesgħa fl-istandards tal-benessri tal-annimali fuq livell internazzjonali, u jikkundanna l-użu tad-denominatur komuni minimu fi ftehimiet kummerċjali;
31. Jenfasizza l-hteġa għal kontrolli aktar stretti fuq l-importazzjoni u għal spezzjonijiet aktar stretti mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni f'pajjiżi li jesportaw lejn l-UE, sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni;
32. Jinnota li l-livell baxx ta' protezzjoni tal-benessri tal-annimali f'bosta sħab kummerċjali avvanzati tal-UE, bħal fil-każ tal-Istati Uniti, li ma għandhiex leġiżlazzjoni federali għall-protezzjoni tal-annimali fl-azjendi agrikoli qabel il-qtil; jitlob li l-Kummissjoni tinkludi l-benessri tal-annimali bħala tħassib għall-kummerċ fin-negozjati kummerċjali bilaterali u multilaterali attwali u futuri kollha, bl-obbligu li kull importazzjoni ta' prodotti tal-annimali minn pajjiżi żviluppati tkun konformi mal-liġijiet tal-UE dwar il-benessri tal-annimali, u l-importazzjonijiet minn pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp ikunu jissodisfaw standards ekwivalenti;
33. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari fin-negozjati kummerċjali bejn l-UE u l-pajjiżi terzi irigward l-użu tal-pestiċidi, b'mod partikolari l-approċċi differenti fl-użu tagħhom, peress li l-istandards relatati mal-użu tal-pestiċidi huma ferm ogħla fl-UE milli f'pajjiżi terzi;
34. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li fin-negozjar tal-ftehimiet ma' pajjiżi terzi ma jiġux inklużi dispożizzjonijiet li jistgħu jnaqqsu jew idgħajfu l-garanziji attwalment provduti mill-Unjoni lill-konsumaturi fir-rigward tal-industrija agroalimentari, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu ta' prodotti dderivati minn OĠG jew klonazzjoni;
35. Jitlob biex l-importazzjonijiet agrikoli fl-UE jiġu permessi biss jekk il-prodotti importati

jilhq u l-istandards Ewropej tal-protezzjoni tal-konsumatur, tal-benessri tal-annimali u tal-protezzjoni ambjentali kif ukoll l-istandards soċjali minimi;

36. Jitlob lill-Kummissjoni tipprojbixxi l-importazzjoni ta' kwalunkwe prodott agrikolu mibjugħ lill-pubbliku bi prezz inferjuri għall-kost reali ta' produzzjoni tiegħu, u b'hekk jiġi evitat kull tip ta' dumping soċjali, ekonomiku u ambjentali;
37. Jinsisti li l-konsumaturi għandhom jingħataw informazzjoni preċiża dwar il-karatteristiċi tal-prodotti li jitqiegħu fis-suq;
38. Peress li l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti joffru l-agrikoltura Ewropea wieħed mill-akbar vantaġġi kompetittivi u peress li l-prodotti minn pajjiżi terzi jistgħu wkoll japplikaw biex jiġu protetti mill-iskema tal-UE tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli żżomm pożizzjoni soda f'dan ir-rigward fin-negozjati kollha li għaddejjin bħalissa, inklużi n-negozjati dwar it-TTIP; iqis, barra minn hekk, li kwalunkwe ftehim li ma jkunx iħares l-indikazzjonijiet ġeografiċi ma għandux jiġi ffirmat;
39. Jiddispjaċih li fil-qafas tan-negozjati kummerċjali li ġew dan l-aħħar konklużi jew li għadhom għaddejjin bħalissa, hemm biss lista qasira ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li hija protetta minn sħab kummerċjali tagħna; jitlob lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tistabbilixxi regoli li jiggarantixxu livell għoli ta' protezzjoni għall-indikazzjonijiet ġeografiċi kollha tal-UE fis-swieq ta' pajjiżi terzi li magħhom għaddejjin in-negozjati, flimkien ma' miżuri ta' implimentazzjoni adegwati;
40. Jinnota li l-protezzjoni u r-rikonossiment tal-indikaturi ġeografiċi f'pajjiżi terzi huma potenzjalment ta' valur kbir għas-settur agroalimentari tal-UE kollu, u jikkunsidra li l-ftehimiet kummerċjali kollha għandhom jinkludu miżuri ta' protezzjoni u azzjonijiet biex tiġi miġġielda l-kontraffazzjoni;
41. Jiddispjaċih, f'dan ir-rigward, li fil-qafas tal-ftehim kummerċjali mal-Kanada, numru kbir ta' denominazzjonijiet protetti fuq livell Ewropew ġew ikkunsidrati bħala ġeneriċi jew semi-ġeneriċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tipprovdi sostenn matul in-negozjati kummerċjali lil dawk il-pajjiżi li għadhom ma daħħlux l-arranġamenti għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, bl-għan li jinħolqu sistemi effikaċi li jkunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-UE;
42. Jenfasizza l-importanza tal-progress fir-rigward tal-ostakli sanitarji, fitosanitarji u ostakoli mhux tariffarji oħra għall-kummerċ agrikolu, fin-negozjati kollha ta' kummerċ ħieles, speċjalment rigward il-punti li mhumiex negozjabbli stabbiliti mill-UE li jistgħu jaffettwaw is-saħħa tal-konsumaturi;
43. Jenfasizza li n-negozjati kummerċjali ma għandhom fl-ebda ċirkostanza jintużaw biex jibdlu l-leġiżlazzjoni tal-UE;
44. Jenfasizza li, fil-kuntest tat-TTIP u negozjati attwali oħra dwar kwistjonijiet regolatorji, il-kooperazzjoni regolatorja internazzjonali usa' fil-qasam agrikolu għandha tissaħħaħ u għandha jkollha wkoll effetti pożittivi għall-pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp;
45. Jenfasizza li l-UE għandha tippromwovi l-innovazzjoni biex ittejjeb il-produttività u

b'hekk tkun tista' tiġi indirizzata l-problema ta' popolazzjoni globali li kulma jmur qed tikber, billi tappoġġja inizjattivi li jindirizzaw kwistjonijiet bħat-tibdil fil-klima u billi tgħin lill-bdiewa jadattaw għal kull tip ta' sfida ambjentali.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	6.6.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 -: 2 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Paul Brannen, Daniel Buda, Nicola Caputo, Matt Carthy, Viorica Dăncilă, Albert Deß, Diane Dodds, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Edouard Ferrand, Luke Ming Flanagan, Beata Gosiewska, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Esther Herranz García, Jan Huitema, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Elisabeth Köstinger, Zbigniew Kuźmiuk, Philippe Loiseau, Giulia Moi, Ulrike Müller, James Nicholson, Maria Noichl, Marijana Petir, Laurențiu Rebegea, Jordi Sebastià, Jasenko Selimovic, Maria Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Marc Tarabella, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jean Arthuis, Bas Belder, Franc Bogovič, Angélique Delahaye, Jean-Paul Denanot, Michela Giuffrida, Manolis Kefalogiannis, Norbert Lins, Stanislav Polčák, Annie Schreijer-Pierik, Tibor Szanyi, Hannu Takkula
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Stanisław Ożóg